Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13076/23
PV CONS 41
AGRI 520
PECHE 365

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura** u **Sajd**)

18 ta' Settembru 2023

## WERREJ

**Paġna**


1. Adozzjoni tal-aġenda ........ 3

2. Approvazzjoni tal-punti "A" ........ 3
   a) Lista mhux leġiżlattiva
   b) Lista leġiżlattiva

SAJD

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. UE-RENJU UNIT: Konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 ........ 5

4. UE-Norveġja u stati kostali: Konsultazzjonijiet annwali għall-2024 ........ 5

AGRIKOLTURA

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

5. Direttiva dwar is-saħħa tal-ħamrija: Il-protezzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ħamrija tal-UE - Aspetti agrikoli ........ 5

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ ........ 5

7. Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA): Insawru l-futur taż-żoni rurali tal-UE ........ 5

**Affarijiet oħra**

Agrikoltura

8. a) Proposti leġiżlattivi attwali
   L-impatt tal-abbozz ta' Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura fuq l-agrikoltura ........ 6
   b) Id-Deni tal-Ħnieżer Afrikan fl-Iżvezja ........ 6
   c) Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel +2 - Mument ta' Rendikont (Ruma, 24-26 ta' Lulju 2023) ........ 6
   d) Ħsara fl-agrikoltura, il-forestrija u l-akkwakultura kkawżata mill-għargħar fl-2023 ........ 6
   e) Il-kriżi klimatika u d-diżastri naturali devastanti fil-Greċja ........ 7
   f) Simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar fil-Politiki Komuni tal-UE dwar l-ikel, l-agrikoltura u s-sajd ........ 7

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ........ 8


***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 12652/1/23 REV 1.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 12856/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-delegazzjoni Pollakka fakkret fl-intenzjoni tagħha li tastjeni rigward il-punt 1.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 12857/23

Sajd

**1. Regolament dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) (riformulazzjoni)** ❶C 12628/23 + ADD 1 PE-CONS 24/23 PECHE

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.09.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**2. Regolament dwar skambju ta' informazzjoni diġitali dwar każijiet ta' terroriżmu transfruntier** ❶C 12601/23 PE-CONS 74/22 JAI
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.9.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 85 TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

**3. Direttiva li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali** ❶C 12605/23 PE-CONS 30/23 COPEN
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.9.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 16(2) TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

4. **Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2023: aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tekniċi oħrajn** SC 12433/23 12434/23 11360/23 FIN
*Adozzjoni*
*Approvazzjoni ta' ittra*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.9.2023

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2023, (bażi legali: l-Artikolu 314 TFUE u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika).

SAJD

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. UE-RENJU UNIT: Konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 — 12133/23
*Skambju ta' fehmiet*

4. UE-Norveġja u stati kostali: Konsultazzjonijiet annwali għall-2024 — 12131/23
*Skambju ta' fehmiet*

AGRIKOLTURA

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**5. Direttiva dwar is-saħħa tal-ħamrija: Il-protezzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ħamrija tal-UE - Aspetti agrikoli** ❶C — 12650/23
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti agrikoli tal-proposta għal Direttiva dwar is-Saħħa tal-Ħamrija u ħa nota tal-punt "Affarijiet oħra" mitlub mill-Polonja dwar l-impatt tal-abbozz ta' regolament dwar ir-restawr tan-natura fuq l-agrikoltura. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Polonja, kif ukoll tal-kummenti u l-mistoqsijiet tad-delegazzjonijiet.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ — 12640/23
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

**7. Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA): Insawru l-futur taż-żoni rurali tal-UE** 2 — 12616/23
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar viżjoni fit-tul għall-futur taż-żoni rurali tal-UE. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u tal-kummenti u l-mistoqsijiet magħmula mid-delegazzjonijiet f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ser jerġa' lura għal dan il-punt f'waħda mil-laqgħat futuri tiegħu.

**Affarijiet oħra**

Agrikoltura

**8.** **a)** **Proposta leġiżlattiva attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**L-impatt tal-abbozz ta' Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura fuq l-agrikoltura** ❶C 13057/23 + **COR 1**
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka*

Il-punt 8(a) ġie indirizzat fil-punt 5.

**b)** **Id-Deni tal-Ħnieżer Afrikan fl-Iżvezja** 2 12949/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Żvediża dwar id-Deni tal-Ħnieżer Afrikan fl-Iżvezja. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

**c)** **Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel +2 - Mument ta' Rendikont**
**(Ruma, 24-26 ta' Lulju 2023)** 2 12928/23
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżiti ewlenin tas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel +2 - Mument ta' Rendikont. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni u mid-delegazzjonijiet.

**d)** **Ħsara fl-agrikoltura, il-forestrija u l-akkwakultura kkawżata mill-għargħar fl-2023** 2 12872/1/23 REV 1
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovena u dik Griega dwar il-ħsara fl-agrikoltura, l-akkwakultura u l-foresti kkawżata minn nirien u għargħar. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

e) **Il-kriżi klimatika u d-diżastri naturali devastanti fil-Greċja** [2] 12871/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Griega*

Il-punt 8(e) ġie indirizzat flimkien mal-punt 8(d).

f) **Simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar fil-Politiki Komuni tal-UE dwar l-ikel, l-agrikoltura u s-sajd** [2] 12926/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Netherlandiża, Portugiża, Slovakka u Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka f'isem il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Iżvezja kif ukoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

---

[1] L-ewwel qari

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**ANNESS**

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 12857/23**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Regolament dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) (riformulazzjoni)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji proposta għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) li rriżultaw mis-Sessjonijiet Annwali tal-GFCM fl-2021 u fl-2022, bil-ħsieb li tippreżenta din il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xieraq."